

It-tieni aggravju jikkontesta d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali fuq il-bażi li naqset milli tapplika l-awtorità vinkolanti ta' Kadi II. Il-Qorti Ġenerali naqset milli tiddetermina waħedha jekk l-allegazzjonijiet fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kinux fondati sew.

It-tielet aggravju jikkontesta l-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tgħid li l-Kummissjoni wettqet analiżi attenta u indipendenti tal-ġustifikazzjoni għall-elenkar. Il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tgħid li l-Kummissjoni wettqet din l-analiżi ma kinitx sostenibbli fid-dawl tal-fatti tal-każ u ta' konstatazzjonijiet ġuridiċi preċedenti f'kawżi simili.

Ir-raba' aggravju jikkontesta d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li tgħid li Sanabel ma kellhiex *locus standi* fuq il-bażi li l-Qorti Ġenerali fehmet ħażin il-liġi. Il-*locus standi* ta' Sanabel ma jiddependix minn klassifikazzjonijiet paralleli taħt id-dritt nazzjonali, imma minn jekk tistax tiġi hekk ikklassifikata jew le.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (ir-Renju Unit) fil-25 ta' Jannar 2015 – Compass Contract Services Limited vs Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs

(Kawża C-38/16)

(2016/C 106/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

First-tier Tribunal (Tax Chamber)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Compass Contract Services Limited

Konvenut: Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs

Domandi preliminari

- 1) Id-differenza fit-trattament imwettqa mir-Renju Unit bejn it-talbiet *Fleming* relatati mal-VAT tal-output (li setgħu jiġu ppreżentati għall-perijodi li nġhalqu qabel l-4 ta' Diċembru 1996) u t-talbiet *Fleming* relatati mal-VAT tal-input (li setgħu jiġu ppreżentati għall-perijodi li nġhalqu qabel l-1 ta' Mejju 1997 – jiġifieri iktar tard mit-talbiet *Fleming* relatati mal-VAT tal-output) tirriżulta fi:
 - a) ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tad-dritt tal-Unjoni; u/jew
 - b) ksur tal-prinċipju ta' newtralità fiskali tad-dritt tal-Unjoni; u/jew
 - c) ksur tal-prinċipju ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni; u/jew
 - d) ksur ta' xi prinċipju ieħor rilevanti tad-dritt tal-Unjoni?
- 2) Fil-każ ta' risposta fl-afferment għal xi waħda mid-domandi 1(a) sa 1(d), it-talbiet *Fleming* relatati mal-VAT tal-output li jikkonċernaw il-perijodu bejn l-4 ta' Diċembru 1996 u t-30 ta' April 1997 kif għandhom jiġi ttrattati?